MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 888/2001/1

**Rosalina sive Roslynn Ciantar**

**vs**

**Gordon Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Settembru, 1999 fil-parrocca ta' Sant' Agatha, ir-Rabat skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “RC1”, u miz-zwieg taghhom ma twieldu ebda ulied.

Illi l-kontendenti jinsabu legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Novembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela.

Illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb b’qerq dwar il-kwalita` tal-persuna tal-konvenut li fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu.

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg bejn il-kontendenti hu null u bla effett ghat-termini ta’ l-**artikolu 19(1) (c) u/jew (d) u/jew (g) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi u ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut **Gordon Borg** tas-7 ta’ Jannar, 2002 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

(1) Preliminarjament l-eccipjenti ma jikkontestax it-talba ta’ l-attrici in kwantu li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u nvalidu ghall-effetti kollha tal-Ligi, izda dan mhux ghar-ragunijiet hekk kif esposti mill-attrici stante li l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat ai termini tal-Ligi u tali difett mhux imputabbli lill-eccipjent biss izda liz-zewg partijiet;

(2) Illi fil-fatt iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghal ragunijiet attribwibbli liz-zewg partijiet;

(3) Illi ghaldaqstant l-eccipjent m’ ghandux isofri l-ispejjez.

(4) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat id-digriet ta’ 1 ta’ Frar, 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat il-verbali tas-7 ta’ Mejju, 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavit lill-partijiet b’terminu ta’ erbghin jum kull wiehed u giet innominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja sabiex tisma` l-provi kollha mhux producibbli bl-affidavit; tal-31 ta’ Ottubru, 2002 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-provi bl-affidavit huma konkluzi u jonqos li jsiru biss zewg seduti ghall-provi relattivi u tas-6 ta’ Frar, 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet nfurmaw lill-Qorti li l-kawza tista` tibqa` ghas-sentenza.

Rat in-noti tat-12 ta’ Awissu, 2002, ta’ l-attrici Roslynn Ciantar li biha pprezentat l-affidavits ta’ Stella u Emanuel Ciantar; tat-3 ta’ Settembru, 2002 ta’ l-attrici permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u dak ta’ Simon Ciantar; tat-2 ta’ Ottubru, 2002 li biha pprezentat l-affidavit ta’ Claire Massa Garcia.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-23 ta’ Ottubru, 2002 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzah jipprezenta l-affidavits tax-xhieda tieghu.

Rat id-digrieti tal-25 ta’ Ottubru, 2002 fejn il-Qorti ordnat notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta; tal-21 ta’ Jannar, 2003 fejn il-Qorti tilqa` t-talba.

Rat is-seduta tat-30 ta’ Ottubru, 2002 li nzammet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja;

Rat in-nota ta' Gordon Borg tat-30 ta' Ottubru, 2002, li biha pprezenta l-affidavits tieghu stess, ta' Susan Mary Borg u ta' Victor Borg.

Rat is-seduta tal-15 ta' Jannar 2003 li nzammet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn xehed il-konvenut.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi dawn it-tlett premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attrici l-ewwel tissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null inter alia a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u

huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortium vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore,*

*those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual*

*and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar premessa ta' l-attrici bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza “**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**” minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza “**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**” (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine”*** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**<u>II. APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici qed tallega li l-konvenut ma kien qatt dispost u ppreparat ghaz-zwieg maghha b’dan li l-kunsens tieghu kien *inter alia* difett b’nuqqas serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u l-obbligi naxxenti minnha u dan ghaliex l-konvenut kien baqa’ iktar jaghti kaz ta’ dak li jghidulu l-familjari tieghu milli fuq dak li kien jghid mal-attrici.

Illi infatti mill-provi prodotti mill-attrici, kemm tramite x-xhieda taghha u kemm dik tal-familjarji taghha jidher li dan kien kollu minnu, pero’ apparti dan jidher ukoll li l-istess konvenut kienu mohhu wkoll kontinwament fuq ix-xoghol tieghu u wkoll fir-relazzjonijiet ma` hbieb tieghu, u dan

kemm qabel u kemm wara z-zwieg, *stante* li jidher li bejn il-partijiet ma kien hemm komunikazzjoni ta’ xejn, u jidher li l-konvenut kien iggib kull skuza sabiex jahrab lill-attrici.

Illi dwar dan hemm diversi ezempji fl-affidavit ta’ l-attrici u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess minn fejn jidher car li ma kien hemm ebda legami ta’ sinifikat bejn il-partijiet odjerni, u jidher li t-tnejn li huma dahhlu ghal dan iz-zwieg ghal skopijiet egoistici taghhom, ferm il-boghod mill-kuncett ta’ konvivenza ghall-hajja kollha ta’ komunjoni ta’ zwieg, li l-istitut ta’ zwieg huwa mahluq ghalih. Fil-fatt jidher li din r-relazzjoni taht dak li suppost kien zwieg, fejn kull parti jidher li ghexet ghall rasha, dam biss ftit xhur ghaliex l-partijiet izzewgu fit-18 ta’ Settembru 1999, mentri sseparaw legalment fl-14 ta’ Novembru 2000, u in verita’ ma setax ikun mod iehor, *stante* li ma jidhirx li l-konvenut kien b’xi mod interessat fil-hajja tieghu ma’ l-attrici, anzi jidher li kien jaghmel minn kollox biex jevitaha, b’dan ghalhekk li jidher li l-istess konvenut kellu miskoncepiment tal-kuncett ta’ zwieg, ghaliex dan ma jikkonsistiex biss li jghixu u jikkontribwixxu f’dar wahda, izda hafna u hafna izjed minnhek, izda jidher li ma’ l-attrici dan l-konvenut qatt ma wasal ghalih, u dan l-agir tieghu jirrendi l-kunsens tieghu fiz-zwieg difettuz b’nuqqas serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u dan fil-mument taz-zwieg.

Illi da parte ta’ l-attrici jista’ jinghad ukoll li hija kellha l-istess nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga ghaliex tidher li hija kienet it-tip ta’ persuna li jew isir kollox kif trid hija jew inkella tissuppervja, u fuq kollox riedet tikkontrolla lill-konvenut f’kollox anke fir-relazzjonijiet tieghu mal-familja tieghu, u dan apparti li kienet difficcli biex wiehed jikkuntentaha. Dan jidher li kien dovut ghall-fatt, li l-partijiet kienu gejjin minn *background* differenti ghal kollox, u ghalhekk l-attrici kienet qed tipprova tibdel lill-konvenut biex taghmlu kif trid hi, u ghalhekk jidher car li l-attrici qatt m’ accettat lill-konvenut kif inhu, izda kif riedet li huwa jkun, b’mod li l-kunsens taghha kien predispost sabiex hija tiehu persuna differenti minn dak li effettivament iltaqghet mieghu.

Illi dan juri li l-attrici kellha ukoll il-kunsens taghha difettuz minhabba nuqqas ta' deskrizzjoni serja fuq il-hajja mizzewga u fuq il-kuncett ta' sieheb jew siehba li naturalment huma parti essenzjali mir-rabta' taz-zwieg; fil-fatt dan kien irrisolva ruhhu fil-fatt li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienet wahda ta' ftit xhur u serje shiha ta' piki fuq xulxin u l-familji rispettivi taghhom, f'attakki kontra attakki biex iferu lil xulxin, b'dan li kull parti minghajr ma riedet kienet tara kif taghmel sabiex tevita lill-parti l-ohra. Illi certament li dan kollu jwassal ghall-konkluzzjoni li l-kunsens ta' l-attrici wkoll kien difettuz ghar-ragunijiet indikati **fl-arrtikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi l-istess komportament tal-partijiet kemm qabel u kemm wara z-zwieg iwassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni li kien hemm ukoll l-elementi necesarji sabiex l-istess zwieg jigi ddikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** stante li jidher car li kull parti ghamlet pre-kondizzjonijiet qabel iz-zwieg safejn hija ghandha taccetta u tissaporti lill-parti l-ohra, u kull parti ma kienitx lesta li taccetta lill-parti l-ohra kif kien jew kienet, tant li t-tnejn li huma ppruvaw ibiddlu lill-xulxin, minflok jghixu kif inhuma ma xulxin; u dan jidher li kien pre-ordinat sa mir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg, kif jidher car mill-affidavits rispettivi taghhom u tal-familjari taghhom, li huma dahhlu fin-nofs kemm felhu, u in verita' uzawhom kemm setghu, sabiex jaharbu anke mir-responsabililta' ta' dak kollu li ghamlu hazin anke lill xulxin.

Illi ghalhekk jidher li kull parti f'din il-kawza u f'dan iz-zwieg kellha il-kunsens taghha vizjat ghaliex kemm il-mara u kemm ir-ragel eskludew fil-kunsens taghhom elementi essenzjali li joholqu r-rabta ta' mizzewgin, u fil-fatt lanqas kienu wasslu sabiex jaccettaw lilhom infushom bhala persuni distinti bil-karattru taghhom, ahseb u ara kemm setghu qatt jaccettaw u jghixu kif inhuma hajja komunali ta' bejniethom, u rabta dejjiema sal-mewt.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet; ghall-istess raguni ma hemmx bzonn li jigi ezaminat l-aggravju skond id-

disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255,** ghalkemm mill-provi ampji prodotti mill-partijiet, ma jidhirx li dan l-aggravju huwa fil-fatt sostanzjat u wisq inqas ippruvat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Ottubru 1998 *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

BI-ispejjez kollha jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM-------------------------------